MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2015

Numru 439/2015

Illum 11 ta' Gunju, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Khaled Mahmoud Abdulkasem, detentur ta' passaport Libjan bin-numru 545602, Mohamed Abungab detentur tal-passaport Libjan bin-numru 531496 u Deelian Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 18600L.

Akkuzati talli:

**Nhar il-21 ta' Mejju, 2015, ghall-habta tat-3.30a.m., fi Triq il-Gnien, Gzira;**

1. kkommettew serq ta' kartiera, kontenenti flus kontanti, *mobile-phone*, u karozza tal-marka Peugeot 306, numru tar-registrazzjoni HAB327, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, inkluz fuq persuna li ghalqet is-sittin sena, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-persuna, bil-lok, bil-hin u bix-

xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta'Lucy Anne Mallia u/jew ta' xi persuna/i u jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

2. bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Lucy Anne Mallia u lil Carmen Borg, ta' 68 sena, kontra l-volonta' taghhom; liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;
3. fil-waqt li kienu qed jaghmlu reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involantarju jew offiża involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-propjeta (minbarra ħsara nvolontarja fil-propjeta) kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;
4. garrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.
5. ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lucy Anne Mallia, bi strument li jaqta' u bil-ponta, skond ma iccertifika Dr. Gerada M.D. (med. reg. no. 3011) mill-isptar Mater Dei ;
6. ikkommettew l-istess reati, li whud minnhom jgorru piena ta' prigunerija, f'perjodi operattivi ta' liberta b'kundizzjoni ; fil-kaz ta' **KHALED MAHMOUD ABDULKASEM** b'sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (magistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D.) nhar id-9 ta' Lulju, 2014 ; fil-kaz ta' **MOHAMED ABUNGAB** b'sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (magistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D.) nhar id-19 ta' Novembru, 2014 u, fil-kaz ta' **DEELIAN MIFSUD**, permezz ta' sentenza definittiva mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), (magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.) nhar it-18 ta' Marzu, 2015.

**Lill KHALED MAHMOUD ABDULKASEM wahdu, nakkuzawh ukoll, talli fil-21 ta' Mejju, 2015, ghall-habta tat-3.30a.m. u/jew wara dan il-hin, f'dawn il-Gzejjer :**

7. saq vettura tal-marka Peugeot 306, numru tar-registrazzjoni HAB327, minghajr licenza tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni ;
8. talli ikkommetta l-istess reati li, fil-maggor parti, hemm kontemplat ghalihom piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li kienet giet imposta fuqu permezz ta' sentenza definittiva datata 19 ta' Mejju, 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.).
9. talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza definittiva datata 19 ta' Mejju, 2014, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.).

Rat l-atti tal-process;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2015 l-imputat Mohamed Abungab ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Rat illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat Mohamed Abungab il-Prosekuzjoni irtirat is-seba' (7) imputazzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2015 l-imputati Mahmoud Abdulkasem u Deelian Mifsud ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghthom ftit taz-zmien biex jergghu lura minnha, kif

obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzati baqghu jtennu t-twegiba taghhom.

Rat l-artikoli 28B (1)(4)(5), 28C(1), 49, 50, 86, 87(1)(e), 214, 221(1)(2), 261, 262(1)(a)(b)(2), 267, 268(b), 269(g), 270, 271(g), 275, 276A, 277(a), 279(a), 280(2), 281(c), 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 6, 7, 51(7) u 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputati.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u l-prosekuzzjoni.

In vista tal-ammissjoni, ssib lil imputati hati tal-akkuzi kif dedotti u tikkundanna lill-imputat Kahled Mahmud Abdulkasem ghal-multa ta' Ewro 2336 (elfejn, tlett mija u sitta w tletin ewro) kif ukoll ai termini tal-artikolu 28B (2)(b) testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza moghtija lilu fid-19 ta' Mejju, 2014 ghal-erbgha snin millum, tikkundannah ukoll multa ta' Ewro 116 (mija u sittax il-ewro) fil-konfront tat-tielet u r-raba' akkuza. Lill-imputati Mohamed Abungab u Deelian Mifsud ghal-perjodu ta' tlett snin probation ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446, kif ukoll multa ta' Ewro 116 (mija u sittax il-ewro) kull wiehed fil-konfront tat-tielet u r-raba' akkuza.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien mal-atti kollha tal-kaz jintbghatu ghand l-Avukat Generali ai termini tal-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------